REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 538/2011

tal-1 ta' Ġunju 2011

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 607/2009 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 fir-rigward tad-denominazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, termini tradizzjonali, it-tikkettar u l-preżentazzjoni ta' ċerti prodotti fis-settur tal-inbid

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1], u b'mod partikolari l-punti (k), (l) u (m) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 121 u l-Artikolu 203b, flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 18 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 607/2009 [2] jistipula li r-"Reġistru tad-denominazzjonijiet tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti" (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'ir-Reġistru') miżmum mill-Kummissjoni kif stipulat fl-Artikolu 118n tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 huwa inkluż fil-bażi tad-dejta elettronika "E-Bacchus".

(2) Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni, il-lista ta' organizzazzjonijiet rappreżentattivi tal-kummerċ u l-membri tagħhom stipulata fl-Anness XI għar-Regolament (KE) Nru 607/2009 għandha tiġi ppubblikata fuq l-Internet. Għalhekk, l-Artikolu 30(2) għandu jiġi emendat.

(3) Sabiex tiġi evitata kwalunkwe diskriminazzjoni bejn inbejjed li joriġinaw fl-Unjoni u dawk importati minn pajjiżi terzi, għandu jkun iċċarat li termini użati tradizzjonalment f'pajjiżi terzi jistgħu jiksbu rikonoxximent u protezzjoni bħal termini tradizzjonali fl-Unjoni anke fejn dawn jintużaw flimkien ma' indikazzjonijiet ġeografiċi u ismijiet ta' oriġini regolati minn dawk il-pajjiżi terzi.

(4) Għal raġunijiet ta' ċarezza, termini tradizzjonali protetti elenkati fl-Anness XII għandhom jiġu trasferiti fil-bażi tad-dejta elettronika "E-Bacchus" u b'hekk jinġabru d-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini, l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u termini tradizzjonali protetti f'għodda tal-IT waħda, faċilment disponibbli għal skopijiet ta' konsultazzjoni.

(5) Sabiex tipprovdi informazzjoni aġġornata dwar termini tradizzjonali, l-informazzjoni indikata fl-Anness XII għar-Regolament (KE) Nru 607/2009 għandha tiġi trasferita fil-bażi tad-dejta elettronika "E-Bacchus" u informazzjoni ġdida relatata mal-protezzjoni tat-termini tradizzjonali għandha tiġi inkluża esklussivament f'dik il-bażi tad-dejta elettronika.

(6) Sabiex tiġi ċċarata r-relazzjoni bejn termini tradizzjonali protetti u marki kummerċjali, huwa meħtieġ li jkun speċifikat fuq liema bażi legali għandha tkun evalwata applikazzjoni għal marka kummerċjali li tinkludi jew tikkonsisti minn terminu tradizzjonali protett skont id-Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks [3] jew ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2009 dwar it-trade mark Komunitarja [4].

(7) Sabiex titjieb it-trasparanza tar-regoli dwar it-termini tradizzjonali, b'mod partikolari minħabba li jiġu trasferiti għall-bażi tad-dejta elettronika "E-Bacchus", kwalunkwe modifika relatata ma' termini tradizzjonali għandha ssegwi proċedura definita formalment.

(8) Għandhom jiġu provduti regoli għall-indikazzjoni tal-kontenut ta' alkoħol skont il-volum ta' ċerti prodotti speċifiċi tad-dwieli sabiex jipprovdu lill-pubbliku informazzjoni preċiża.

(9) Sabiex jiġi ffaċilitat tikkettar eħfef, ċerta informazzjoni relatata mal-isem u l-indirizz tal-bottiljatur tista' f'ċerti ċirkustanzi ma tkunx meħtieġa.

(10) Sabiex jitjiebu l-kontrolli ta' ċerti prodotti tad-dwieli, l-Istati Membri għandhom jitħallew jirregolaw l-użu ta' dettalji li jirreferu għall-produttur u l-proċessur.

(11) Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Artikoli 42(1) u 56(3) għandhom jiġu emendati.

(12) L-użu ta' tip speċifiku ta' flixkun u għeluq għall-inbejjed frizzanti, inbejjed frizzanti ta' kwalità u nbejjed frizzanti aromatiċi ta' kwalità kif stipulat fl-Artikolu 69 tar-Regolament (KE) Nru 607/2009 għandu jkun obbligatorju esklussivament għall-kummerċjalizzazzjoni u l-esportazzjoni ta' dawn l-inbejjed prodotti fl-Unjoni Ewropea.

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
[2] ĠU L 193, 24.7.2009, p. 60.
[3] ĠU L 299, 8.11.2008, p. 25.
[4] ĠU L 78, 24.3.2009, p. 1.

(13) Fir-rigward tat-trażmissjoni ta' fajls teknieċi ta' ismijiet ta' nbejjed protetti eżistenti msemmija fl-Artikolu 118s tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, il-ħtieġa ta' identifikazzjoni tal-applikant ta' isem ta' nbid eżistenti kif imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 118c(1) ta' dak ir-Regolament, tista' toħloq diffikultà għal xi Stati Membri peress li dawn l-ismijiet ta' nbejjed protetti eżistenti huma rregolati f'livell nazzjonali mingħajr ebda referenza għal xi applikant partikolari. Sabiex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni mill-arranġamenti provduti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 [1] għal dawk stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007, għandhom jiġu provduti miżuri tranżizzjonali għall-konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' dawk l-Istati Membri.

(14) Huwa meħtieġ li jiġi emendat l-Anness VIII għar-Regolament (KE) Nru 607/2009 fir-rigward tad-drittijiet ta' qabel li jistgħu jintalbu fil-każ ta' oġġezzjoni għal applikazzjoni għal protezzjoni ta' termini tradizzjonali.

(15) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 607/2009 għandu jiġi emendat.

(16) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda tar-Regolament (KE) Nru 607/2009

Ir-Regolament (KE) Nru 607/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 30, il-paragrafu 2 huwa mibdul b'dan li ġej:

"2. Fil-każ ta applikazzjoni mressqa minn organizzazzjoni professjonali rappreżentattiva stabbilita f'pajjiż terz, għandhom jiġu kkomunikati wkoll id-dettalji tal-organizzazzjoni professjonali rappreżentattiva. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq l-Internet il-lista ta' pajjiżi terzi kkonċernati, l-ismijiet tal-organizzazzjonijiet professjonali rappreżentattivi u l-membri ta' dawn l-organizzazzjonijiet professjonali rappreżentattivi."

(2) L-Artikolu 32 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 32

Regoli dwar termini tradizzjonali ta' pajjiżi terzi

1. Id-definizzjoni ta' termini tradizzjonali provduti fl-Artikolu 118u(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għal termini li tradizzjonalment jintużaw f'pajjiżi terzi għall-prodotti ta' nbejjed koperti minn indikazzjonijiet ġeografiċi jew ismijiet ta' oriġini taħt il-leġiżlazzjoni ta' dawk il-pajjiżi terzi.

2. Inbejjed li joriġinaw f'pajjiżi terzi li t-tikketti tagħhom juru indikazzjonijiet tradizzjonali oħra għajr it-termini tradizzjonali elenkati fil-bażi tad-dejta elettronika "E-Bacchus" jistgħu jużaw dawn l-indikazzjonijiet tradizzjonali fuq tikketti tal-inbid skont ir-regoli applikabbli fil-pajjiżi terzi kkonċernati, inkluż dawk li ħarġu mill-organizzazzjonijiet professjonali rappreżentattivi."

(3) L-Artikolu 40 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 40

Protezzjoni Ġenerali

1. Jekk applikazzjoni għall-protezzjoni ta' termini tradizzjonali tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 118u(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007 u fl-Artikoli 31 u 35 ta' dan ir-Regolament u ma tiġix irrifjutata skont l-Artikoli 36, 38 u 39 ta' dan ir-Regolament, it-terminu tradizzjonali għandu jkun inkluż fil-bażi tad-dejta "E-Bacchus" b'indikazzjoni ta':

(a) il-lingwa kif imsemmija fl-Artikolu 31;

(b) indikazzjoni tal-kategorija jew kategoriji tal-prodott tad-dwieli kkonċernati bil-protezzjoni;

(c) referenza għal-leġiżlazzjoni nazzjonali tal-Istat Membru li fih it-terminu tradizzjonali huwa definit u regolat, jew regoli applikabbli għal produtturi tal-inbid f'pajjiżi terzi, inkluż dawk li ħarġu mill-organizzazzjonijiet professjonali rappreżentattivi; u

(d) taqsira tad-definizzjonijiet jew kondizzjonijiet tal-użu.

2. It-termini tradizzjonali elenkati fil-bażi tad-dejta elettronika "E-Bacchus" huma protetti biss fil-lingwa u għall-kategoriji ta' prodotti tad-dwieli ddikkjarati fl-applikazzjoni, kontra;

(a) kwalunkwe użu ħażin anke jekk it-terminu protett huwa akkompanjat minn espressjoni bħal "stil", "tip", "metodu", "kif magħmul fi", "imitazzjoni", "togħma", "bħal" jew simili;

(b) kwalunkwe indikazzjoni oħra falza jew qarrieqa fin-natura, il-karatteristiċi jew il-kwalitajiet essenzjali tal-prodott, fl-imballaġġ ta' ġewwa jew ta' barra, fil-materjal ta' pubbliċità jew fid-dokumenti li għandhom x'jaqsmu miegħu;

(c) kwalunkwe prattika oħra li tista' tqarraq bil-konsumatur, b'mod partikolari biex tagħti l-impressjoni li l-inbid jikkwalifika għat-terminu tradizzjonali protett."

[1] ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1.

(4) Fl-Artikolu 41, il-paragrafu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. Meta terminu tradizzjonali jkun protett skont dan ir-Regolament, ir-reġistrazzjoni ta' marka kummerċjali, li l-użu tagħha jmur kontra l-Artikolu 40(2), għandha tiġi valutata skont id-Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) jew ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 (**).

Il-marki kummerċjali rreġistrati bi ksur tal-ewwel subparagrafu għandhom jiġu ddikjarati invalidi mal-applikazzjoni skont il-proċeduri applikabbli kif speċifikat bid-Direttiva 2008/95/KE jew ir-Regolament (KE) Nru 207/2009.

(*) ĠU L 299, 8.11.2008, p. 25.
(**) ĠU L 78, 24.3.2009, p. 1."

(5) Fl-Artikolu 42, il-paragrafu 1 huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. Terminu, li għalih tintbagħat applikazzjoni, u jkun interament jew parzjalment omonimu ma' dak ta' terminu tradizzjonali li diġà huwa protett taħt dan il-Kapitolu, għandu jiġi protett b'kunsiderazzjoni xierqa tal-użu lokali u tradizzjonali u r-riskju ta' konfużjoni.

Terminu omonimu li jqarraq bil-konsumaturi f'dak li għandu x'jaqsam man-natura, il-kwalità jew l-oriġini vera tal-prodotti ma għandux jiġi rreġistrat, anke jekk dan it-terminu huwa preċiż.

L-użu ta' terminu omonimu protett għandu jkun soġġett għall-eżistenza ta' distinzjoni suffiċjenti fil-prattika bejn l-omonimu protett sussegwentement u t-terminu tradizzjonali diġà elenkat fil-bażi tad-dejta elettronika "E-Bacchus", filwaqt li jingħata kas tal-ħtieġa li l-produtturi kkonċernati jiġu trattati b'mod ekwu u li l-konsumatur ma jiġix mqarraq."

(6) Artikolu 42a ġdid huwa mdaħħal:

"Artikolu 42a

Modifika

Applikant kif imsemmi fl-Artikolu 29 jista' japplika għal approvazzjoni ta' modifika ta' terminu tradizzjonali, il-lingwa indikata, l-inbid jew l-inbejjed ikkonċernati jew it-taqsira tad-definizzjoni jew kondizzjonijiet tal-użu tat-terminu tradizzjonali kkonċernat.

L-Artikoli 33 sa 39 japplikaw *mutatis mutandis* għall-applikazzjonijiet għal modifika."

(7) Fl-Artikolu 47, il-paragrafu 5 huwa mibdul b'dan li ġej:

"5. Meta kanċellazzjoni tidħol fis-seħħ, il-Kummissjoni għandha tneħħi l-isem ikkonċernat mil-lista stabbilita fil-bażi tad-dejta elettronika 'E-Bacchus'."

(8) Fl-Artikolu 54, il-paragrafu 3 ġdid huwa miżjud:

"3. F'każ ta' most mill-ġheneb parzjalment iffermentat jew inbid ġdid li ġhadu qed jiffermenta, il-kontenut alkoholiku attwali u/jew totali skont il-volum għandu jidher fuq it-tikketta. Meta fuq it-tikketta jidher il-kontenut alkoholiku totali skont il-volum, il-figuri għandhom jiġu segwiti minn '% vol' u jistgħu jkunu preċeduti bil-kliem 'kontenut alkoholiku totali' jew 'alkohol totali'.".

(9) L-Artikolu 56 huwa emendat kif ġej:

(a) fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2, it-tieni sentenza hija miżjuda kif ġej:

"Dawn ir-rekwiżiti ma japplikawx meta l-ibbottiljar isir f'post fil-viċin immedjat tal-bottiljatur."

(b) il-paragrafu 3 huwa mibdul b'dan li ġej:

"L-isem u l-indirizz tal-produttur jew tal-bejjiegħ għandu jiżdied bil-kliem '*produttur*' jew '*magħmul minn*' u 'bejjiegħ' jew '*mibjugħ minn*', jew ekwivalenti.

L-Istati Membru jistgħu jiddeċiedu li:

(a) l-indikazzjoni tal-produttur għandha tkun obbligatorja;

(b) jippermettu li t-termini '*produttur*' jew '*magħmul minn*' jiġu mibdula bi '*proċessur*' rispettivament '*proċessat minn*'."

(10) L-Artikolu 69 huwa mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 69

Regoli dwar il-preżentazzjoni għal ċerti prodotti

1. Inbid frizzanti, inbid frizzanti ta' kwalità u nbid frizzanti aromatiku ta' kwalità prodotti fl-Unjoni Ewropea għandhom jiġu kkummerċjalizzati jew esportati fi fliexken tal-ħġieġ tat-tip tal-"inbid frizzanti" magħluqin bi:

(a) għal fliexken b'volum nominali ta' iktar minn 0,20 litru: tapp f'forma ta' faqqiegħ magħmul tas-sufra jew materjal ieħor li jista' jinġieb f'kuntatt ma' prodotti tal-ikel, miżmum f'postu minn qafla, u mgħotti, jekk dan ikun meħtieġ, b'għatu u miksi bil-fojl li jgħatti t-tapp kompletament u parti mill-għonq tal-flixkun jew l-għonq kollu;

(b) għal fliexken b'kontenut ta' volum nominali li ma jaqbiżx iż-0,20 litru: kwalunkwe għeluq ieħor adattat.

Prodotti oħra magħmula fl-Unjoni ma għandhomx jiġu kkummerċjalizzati jew esportati fi fliexken tal-ħġieġ tat-tip tal-"inbid frizzanti" jew b'għeluq kif deskritt fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu.

2. Permezz ta' deroga mit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-prodotti li ġejjin jistgħu jiġu kkumerċjalizzati jew esportati fi fliexken tal-ħġieġ tat-tip tal-"inbid frizzanti" u/jew b'għeluq kif deskritt fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1:

(a) prodotti li tradizzjonalment jitpoġġew fi fliexken bħal dawn u li:

(i) huma elenkati fl-Artikolu 113d(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007;

(ii) huma elenkati fil-paragrafi 7, 8 u 9 tal-Anness XIb għar-Regolament (KE) Nru 1234/2007;

(iii) huma elenkati fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/1991 (*); jew

(iv) għandhom kontenut alkoħoliku attwali b'volum ta' mhux iktar minn 1,2 % vol;

(b) prodotti oħrajn li huma differenti minn dawk imsemmijin fil-punt (a), sakemm ma jqarqux bil-konsumaturi fir-rigward tan-natura reali tal-prodott.

(*) ĠU L 149, 14.6.1991, p. 1."

(11) Fl-Artikolu 71 huwa miżjud paragrafu 3 ġdid:

"3. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 2(2) ta' dan ir-Regolament, fir-rigward tat-trażmissjoni tal-fajls tekniċi kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 118s(2) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, l-awtoritajiet tal-Istati Membri jistgħu jiġu kkunsidrati bħala applikanti għall-iskop tal-applikazzjoni tal-punt (b) tal-Artikolu 118c(1) ta' dak ir-Regolament."

(12) L-Anness II huwa mibdul bl-Anness I għal dan ir-Regolament.

(13) L-Anness VIII huwa mibdul bl-Anness II għal dan ir-Regolament.

(14) L-Annessi XI u XII huma mħassra.

Artikolu 2

Dispożizzjonijiet tranżitorji

1. Qabel it-tħassir tal-Annessi XI u XII għar-Regolament (KE) Nru 607/2009 mill-punt (14) tal-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tirreplika u:

(a) tippubblika fuq l-Internet il-kontenut tal-Anness XI, u;

(b) iddaħħal fil-bażi tad-dejta elettronika 'E-Bacchus' it-termini tradizzjonali elenkati fl-Anness XII.

2. Kwalunkwe modifika relatata ma' terminu tradizzjonali li ġiet rikonoxxuta minn Stat Membru jew pajjiż terz u nnotifikata lill-Kummissjoni sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u li ma ġietx inkluża fl-Anness XII għar-Regolament (KE) Nru 607/2009, m'għandhiex tkun soġġetta għall-proċedura msemmija fl-Artikolu 42a kif introdott mill-punt (6) tal-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha ddaħħal dik il-modifika fil-bażi tad-dejta elettronika 'E-Bacchus'.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Ġunju 2011.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS I

"ANNESS II

DOKUMENT WAĦDIENI

Data tal-wasla (ĠĠ/XX/SSSS) .....

[timtela mill-Kummissjoni]

L-għadd tal-paġni (inkluża din il-paġna) .....

Il-lingwa użata għas-sotomissjoni tal-applikazzjoni .....

In-numru tal-fajl *[timtela mill-Kummissjoni]* .....

L-applikant

Isem il-persuna legali jew naturali .....

L-indirizz sħiħ (*in-numru u l-isem tat-triq, il-belt/ir-raħal u l-kodiċi postali, il-pajjiż*) .....

L-istatus legali (*fil-każ ta' persuni legali*) .....

In-nazzjonalità .....

L-intermedjarju

— L-Istat(i) Membru/i (*) .....

— L-awtorità tal-pajjiż terz (*) .....

[(*) ħassar kif xieraq]

L-isem/ismijiet tal-intermedjarju/i .....

L-indirizz(i) sħiħ/sħaħ (*in-numru u l-isem tat-triq, il-belt/ir-raħal u l-kodiċi postali, il-pajjiż*) .....

L-isem li se jiġi rreġistrat

— Denominazzjoni tal-oriġini (*) .....

— Indikazzjoni ġeografika (*) .....

[(*) ħassar kif xieraq]

Deskrizzjoni tal-inbid/inbejjed [1] .....

Indikazzjoni tat-termini tradizzjonali, kif imsemmijin fl-Artikolu 118u(1) [2], **li huma marbutin ma' din id-denominazzjoni tal-oriġini jew l-indikazzjoni ġeografika** .....

Prattiki enoloġiċi speċifiċi [3] .....

Żona demarkata .....

Rendiment massimu għal kull ettaru .....

Varjetajiet awtorizzati ta' għeneb tal-inbid .....

Ir-rabta maż-żona ġeografika [4] .....

Kundizzjonijiet ulterjuri [3] .....

Referenza għall-ispeċifikazzjoni tal-prodott

---

[1] Inkluż referenza għall-prodotti koperti bl-Artikolu 118a(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
[2] L-Artikolu 118u(1) tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
[3] Fakultattiva.
[4] Iddeskrivi n-natura speċifika tal-prodott u ż-żona ġeografika u l-kawżalità bejn it-tnejn."

ANNESS II

"ANNESS VIII

TALBA GĦALL-OĠĠEZZJONI GĦAL TERMINU TRADIZZJONALI

Id-data tal-wasla (ĠĠ/XX/SSSS) .....
[timtela mill-Kummissjoni]

Għadd ta' paġni (inkluża din il-paġna) .....

Il-lingwa tat-talba għall-oġġezzjoni .....

In-numru tal-fajl *[timtela mill-Kummissjoni]* .....

Il-persuna li toġġezzjona

Isem il-persuna legali jew naturali .....

L-indirizz sħiħ *(in-numru u l-isem tat-triq, il-belt/ir-raħal u l-kodiċi postali, il-pajjiż)* .....

In-nazzjonalità .....

Tel., feks, posta elettronika .....

L-intermedjarju

— L-Istat(i) Membru/i (*) .....

— L-awtorità tal-pajjiż terz (fakultattiva) (*) .....
[(*) ħassar kif xieraq]

L-isem/ismijiet tal-intermedjarju/i .....

L-indirizz(i) sħiħ/sħaħ *(in-numru u l-isem tat-triq, il-belt/ir-raħal u l-kodiċi postali, il-pajjiż)* .....

It-terminu tradizzjonali oġġezzjonat .....

Id-drittijiet preċedenti

— Denominazzjoni protetta tal-oriġini (*) .....

— Indikazzjoni ġeografika protetta (*) .....

— Indikazzjoni ġeografika nazzjonali (*)
[(*) ħassar kif xieraq]

Isem .....

In-numru tar-reġistrazzjon .....

Id-data tal-wasla (ĠĠ/XX/SSSS) .....

— Terminu tradizzjonali protett eżistenti .....

— Marka kummerċjali

Sinjal .....

Lista ta' prodotti u servizzi .....

In-numru tar-reġistrazzjoni .....

Id-data tar-reġistrazzjoni .....

Il-pajjiż tal-oriġini .....

Ir-reputazzjoni/il-fama (*) .....

[(*) ħassar kif xieraq]

Ir-raġunijiet għall-oġġezzjoni

— L-Artikolu 31 (*)

— L-Artikolu 35 (*)

— L-Artikolu 40(2)(a) (*)

— L-Artikolu 40(2)(b) (*)

— L-Artikolu 40(2)(c) (*)

— L-Artikolu 41(3) (*)

— L-Artikolu 42(1) (*)

— L-Artikolu 42(2) (*)

— L-Artikolu 54 tar-Regolament (KE) Nru 479/2008

[(*) ħassar kif xieraq]

Spjegazzjoni tar-raġuni(jiet) .....

Isem il-firmatarju .....

Firma .....”